**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Marzu, 2017**

**Citazzjoni Nru: 290/2006 AF**

**Albert Zammit**

**vs**

**Marcel Ellul u b'digriet tas-16 ta' Frar 2017, il-Qorti ordnat li s-socjetà Gasan Mamo Insurance Limited tassumi l-atti stante l-mewt ta' Marcel Ellul**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Albert Zammit li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti Albert Zammit, li kien qieghed jaqsam it-Triq Marina f'Tal-Pietà, lejn in-naha tal-bahar safà milqut mill-vettura Volvo bin-numru ta' registrazzjoni TUR800, li kienet misjuqa mill-intimat. Rizultat ta' dan l-incident l-esponenti safa' ferut u sofra debilità permanenti fuq persuntu. L-incident gara fit-8 ta' Lulju 2004 wara nofsinhar.

Ghal dan l-incident jahti biss l-intimat li kien qed isuq l-istess vettura u dan minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

B'rizultat tal-istess incident l-esponenti sofra danni materjali minhabba li kellu jassenti ruhu mix-xoghol kif ukoll *lucrum cessans* minhabba d-debilità li qieghed isofri minnha.

L-intimat ghalkemm interpellat sabiex jaddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqa' inadmepjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-istess danni hekk likwidati lill-esponenti – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment mal-prezenti kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors kontra l-intimat li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Marcel Ellul li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Huwa minnu illi fit-8 ta' Lulju 2004 waqt li l-esponenti kien qed isuq il-vettura Volvo numru TUR800 gewwa Marina Street, Pietà sejjer fid-direzzjoni tal-Belt Valletta, huwa kien involut f'incident tat-traffiku ma' Albert Zammit.

Mhuwiex minnu li dan l-incident gara tort u htija tal-esponenti, Marcel Ellul, kif qed isostni Albert Zammit, izda gara unikament

tort u htija tal-istess Albert Zammit li qabad u qasam it-triq b'mod l-aktar negligenti u imprudenti bir-rizultat li gara l-incident u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar tul il-mori tal-kawza.

Huwa minnu li Albert Zammit korra f'dan l-incident, izda l-esponenti mhuwiex responsabbli ghad-danni li Albert Zammit seta' sofra konsegwenza ta' dan l-incident, billi kif intqal, l-incident gara unikament tort u htija tal-istess Albert Zammit.

In vista tas-suespost, it-talbiet ta' Albert Zammit fil-konfront tal-esponenti ghandhom kollha jigu michuda bl-ispejjez.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2010 din il-Qorti ħatret lil Mr Ray Gatt, Dr Alfred Caruana Galizia u Mr Mario Said bħala periti mediċi.

Rat ir-rapporti tal-periti mediċi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti ssib illi l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fit-8 ta' Lulju 2004 meta l-attur intlaqat minn vettura misjuqa mill-konvenut waqt li kien qiegħed jaqsam Triq Marina, Pietà, u konsegwentament tikkundannah iħallas id-danni.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur intlaqat mill-vettura misjuqa mill-konvenut meta kien qiegħed jaqsam Triq Marina, Pietà, fid-direzzjoni tal-Belt Valletta. Din it-triq għandha total ta' erba' karreġġjati, tnejn lejn kull direzzjoni. L-attur laħaq qasam l-ewwel żewġ karreġġjati u ċioè dawk fid-direzzjoni tal-Imsida u ntlaqat mill-vettura tal-konvenut waqt li kien qiegħed jaqsam il-karreġġjati rimanenti. L-attur jispjega li huwa kellu ufficcju f'dik it-triq u kien qiegħed jaqsam għaliex kellu d-*driver* jistennih fuq in-naħa l-oħra tat-triq, u ċioè fuq in-naħa tal-baħar, sabiex iwasslu sal-Belt. Minħabba n-natura tal-ġrieħi li

sofra f'dan l-inċident, l-attur ittieħed l-isptar fejn ġie ċċertifikat li qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi u għal xi żmien ġie ċċertifikat li kien fil-periklu li jitlef ħajtu.

L-attur jikkontendi li l-inċident seħħ meta huwa kien qiegħed jaqsam it-triq in kwistjoni minn fuq it-*traffic lights* ossia *pelican lights* u li huwa qasam meta dawn qalbu bil-kulur aħmar għall-vetturi u aħdar għall-*pedestrians* sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jaqsmu. Huwa jippremetti li għall-inċident u konsegwenzjali danni jaħti unikament il-konvenut li b'imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku saq minkejja li l-*pelican lights* kienu qegħdin jindikaw dawl aħmar għas-sewwieqa u dawl aħdar għall-*pedestrians* li għalhekk kellhom id-dritt li jaqsmu t-triq. Huwa jgħid illi kien għadu ma laħaqx qasam it-triq meta laqtu bil-vettura l-konvenut.

Da parti tiegħu, il-konvenut jgħid illi mhuwiex minnu li l-attur kien qiegħed jaqsam it-triq minn fuq il-*pelican lights*. Skont il-konvenut, li ġara dakinar kien illi waqt li huwa kien qiegħed isuq fuq il-karreġġjata ta' barra fid-direzzjoni lejn il-Belt, ra lill-attur jaqbeż il-*crash barrier* li taqsam l-erba' karreġġjati u li minn hemm l-attur qasam minn quddiem il-vettura tiegħu u minflok kompla jaqsam il-karreġġjata ta' ġewwa, għal xi raġuni, ħa pass lura u kien dak il-ħin illi l-konvenut laqtu bil-vettura tiegħu.

Il-konvenut jispjega li ma jafx eżatt kif spiċċa fil-karreġġjata ta' ġewwa wara l-inċident u jgħid illi jista' jkun illi kienu l-pulizija li ordnawlu jersaq. Din il-parti mill-verżjoni tal-konvenut ma ġietx kontradetta mill-attur.

Xhieda okkulari għall-inċident *de quo* ma kienx hemm. M'huwiex ikkontestat illi l-ħsara li ġarrbet il-vettura tal-konvenut konsegwenza ta' dan l-inċident kienet kollha fuq in-naħa tax-xellug tal-parti ta' quddiem. Dan jindika li kien hemm li seħħ l-impatt bejn il-vettura tal-konvenut u l-attur.

Dwar ir-responsabbiltà għal dak li seħħ, huwa prinċipju stabbilit skont artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Artikolu 1032 imbagħad jgħid

espressament illi jitqies fil-ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extra kontrattwali (artikolu 1032 imsemmi). B'mod partikolari, skont l-artikolu 1033 imbagħad, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

Il-prova li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni li sofra l-attur tinkombi fuq l-istess attur għaliex kif ingħad fis-sentenza Dr H. Leniker vs H. Camilleri tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-31 ta' Mejju 1972:

> *"Jekk l-attur ma jġibx din il-prova, l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – għaliex mhux legalalment obbligat li jipprova – li l-inċident ikun ġara tort tal-attur)."*

Għalhekk, sabiex l-attur jinghata raġun meta jgħid illi l-konvenut huwa responsabbli minħabba sewqan traskurat jew negliġenti tiegħu, irid jintwera li l-konvenut tassew kien traskurat jew negliġenti u li kien hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpuż u l-konsegwenza dannuża (Martin Paul Vella et vs Chris Micallef, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-6 ta' Ottubru 2010).

Sabiex tasal għal deċiżjoni dwar x'kienet il-kawża prossima tal-inċident mertu tal-kawża, din il-Qorti jeħtieġ illi tibda billi tikkunsidra kemm l-obbligi tas-sewwieq kif ukoll dawk tal-*pedestrian* bħala utent tat-triq, obbligi li huma ormai stabbiliti sew fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna.

Fil-kawża fl-ismijiet Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar 1997 ingħad illi:

*"f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilità ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u*

*l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabilità u mhux l-ekwità u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti".*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Untours Insurance Agency Limited pro et noe ve Etienne Saliba et tad-29 ta' Jannar 2004, ingħad illi ż-żewġ regoli kardinali tas-sewqan fi kwistjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbiltà tas-sewwieq, huma: fl-ewwel lok li sewwieq għandu jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u fit-tieni lok, sewwieq għandu jżomm '*a proper lookout*' u ċioè li jkun attent għal dak li jkun qiegħed iseħħ madwaru jew mistenni li jseħħ minnufih. Sewwieq ikun ikkontribwixxa għall-inċident jekk ma jkunx żamm '*a proper lookout*', liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli (Dr Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Novembru 1998).

Madanakollu, m'huwiex biss is-sewwieq tal-vettura li għandu obbligi xi jħares iżda wkoll l-utenti l-oħra tat-triq ossia *pedestrians* li għandhom ukoll obbligi fl-investiment tagħhom tat-toroq. Il-punto di partenza huwa proprju l-fatt illi kemm *pedestrian*s kif ukoll sewwieqa ta' vetturi għandhom kemm drittijiet kif ukoll obbligi u doveri x'josservaw, meħud in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi li jkunu jinsabu fihom. Jista' jingħad illi sewwieq għandu obbligi akbar peress li huwa qiegħed juża magna perikoluża. Madanakollu, dan ma jfissirx ili hemm xi presunzjoni kontra s-sewwieq, u kull każ irid jiġi eżamint fuq il-mertu tiegħu.

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dr Philip Manduca noe vs George Carmel Bugeja tas-26 ta' April 2012 għamlet rassenja tal-ġurisprudenza dwar id-doveri tal-utenti tat-triq kemm tas-sewwieqa kif ukoll tal-*pedestrians*:

*"Illi f'materja ta' incidenti tat-traffiku hemm is-sentenza "**Il-Pulizija vs Dockyard PC 347 Carmel Mifsud**" (App. Krim. – 26 ta' Gunju 1954) fejn inghad li meta ma kienx hemm regolamenti li jiddixxiplinaw il-pedestrians intqal li l-pedestrian li jaqsam it-triq ghandu d-dritt kollu li d-driver juza d-diligenza mehtiega biex jevitah, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement; u d-driver ghandu jkun ritenut responsabbli, jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu fil-posizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih id-driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilta' hu dak biss li fih il-pedestrian, b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu, ikun qieghed lid-driver f'pozizzjoni li, anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Micallef vs Joseph Sammut**" (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) gie ritenut:-*

*"Illi ma dan irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa "used such care for his own safety as is a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances" (Gibb para 127)."*

*Illi relevanti wkoll dak li inghad fis-sentenza "**Rita Calleja vs Joseph Agius**" (PA (JSP) 5 ta' Ottubru 1995 – Vol. LXXIX.ii.1277) fejn gie riaffermat il-principju li:-*

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza (Vol. XXXIX.iv.1031)".*

*Illi dwar id-difiza tas-sudden emergency ma tistax tigi sollevata b'success meta kien hemm "qabel" vjolazzjoni mill-parti tad-driver, ghax allura jkun hu stess li holoq l-emergenza b'dik li tissejjah self-created incapacity in*

*kwantu li ma setax izomm a tempo, stante li kien miexi bi speed zejjed (vide "**Il-Pulizija vs Capt. Arthur Gera**", 13 ta' Dicembru 1958 u "**Stephen Borg vs Godwin Sant**" – P.A. (RCP) – 26 ta' Frar 2009).*

*Illi imbaghad fis-sentenza "**Antonella Tonna vs Roderick Gauci et**" (P.A. (G.V.) – 8 ta' Ottubru 2004 - Cit. Nru: 2025/00/GV) intqal hekk :-*

*"Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati ma hemmx dubju li pedestrian huwa ntitolat ghall-ezercizzju ta' reasonable care da parti tad-drivers, anke meta jinzlu mill-bankina u jkun fil-carriageway, u ghalhekk il-fatt li pedestrian kien fil-carriageway ma jezonerax lid-driver mill-htija, jekk dan id-driver ma jkunx uza reasonable care" (App. Krim P vs C Demicoli Vol 37 p4 p 1157)".*

*"M'hemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun. Imma lanqas m'ghandu jitqies bhala intruz" (App. Civ. Bongailas vs Mercieca Vol.L 1 p 15)".'*

Speċifikament dwar l-obbligi tal-*pedestrian*, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet John Ransley et vs Edward Restall et tal-10 ta' Mejju 2005 ingħad hekk:

*"Dwar il-pedestrian jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code jghidu hekk:*

*"20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*

*21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear."*

*Il-pedestrian suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta' pedestrian huwa meta jkun ghadu kif nizel il-bankina ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura id-driver ikun kellu possibilta' kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minn fejn tibda*

*taqsam, hija indikattiva ta' distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet* ***Micallef George nomine vs Camenzuli Gordon*** *deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997].'*

Fil-kawża Il-Pulizija vs Alfred Caruana tal-14 ta' Mejju 1995 ingħad illi:

> *"Il-pedestrian ghandu certament id-drittijiet fic-cirkostanzi tat-traffiku imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ipoggi ruhu f'post fejn mhux suppost ikun (bhal roundabouts) u d-driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'din il-kontingenza."*

Rilevanti għall-iskop ta' din il-kawża huwa dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha Il-Pulizija vs George Micallef tas-6 ta' Mejju 1961:

> *"biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg Ii jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian Ii gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b'margini sufficienti ta' sikurezza."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Saviour Cutajar vs Julian Attard tas-27 ta' Jannar 2011 spjegat illi:

> *"Ma hemmx dubju li huwa obbligu tal-pedestrian li qabel ma jaqsam jiehu konsiderazzjoni tal-post minn fejn ikun qed jaqsam u joqghod attent li ma jkunx qed johloq*

*ostakolu ghat-traffiku li jkun qed juza l-istess triq b'mod normali, b'mod li ma ghandux jahsad lill-istess sewwieqa li jkunu fit-triq. Tenut kont tat-triq minn fejn l-attur qasam hija opinjoni ta' din il-Qorti li l-ghazla li ghamel l-attur certament li ma hijiex wahda konsiljabbli, tenut kont li hija triq arterjali u dan jirrendi ghall-kaz in ezami l-obbligu tal-pedestrian iktar oneruz meta jasal sabiex jaqsam it-triq, iktar u iktar meta huwa ha din id-decizjoni li jaqsam minn fejn qasam."*

Finalment, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Carmelo Sciberras vs Gilbert Caruana tad-9 ta' Marzu 2007:

*"Issa huwa minnu li fl-ezami ta' kazi fejn ikun hemm incidenti li jinvolvu korrimenti ta' pedestrians li jigu in kuntatt ma' vettura tas-sewqan, element importanti huwa l-fatt li min ikollu taht idejh kontroll ta' vettura ghandu juza dik il-prudenza u attenzjoni sabiex, mhux biss ikollu dejjem kontroll tal-vettura tieghu, izda li jkollu konoxxenza ta' dak li jkun qed jigri fit-triq biex jevita xi sinistru u dan specjalment meta jkun hemm utenti ohra tat-triq bhal ma huma pedestrians. Dana billi l-impatt bejn vettura tal-mutur u persuna jista', u generalment ikollha, konsegwenzi koroh ghall-istess pedestrian.*

*Dan premess, izda, ghandu dejjem jkun enfasizzat li l-karreggata hija principalment intiza ghal uzu tal-vetturi u, fil-kazi li pedestrian jittanta jaqsam l-istess karreggata mhux f'dawk il-postijiet intizi ghal dan l-iskop, jista' jaghmel hekk biss, kif osservat l-Qorti ta' l-Appell Ingliza "provided he takes reasonable care" (Clerk & Lindsell, Tort, 16th Edition pagna 521). Dan ir-rekwizit tar- "reasonable care" huwa mehtieg minhabba l-ispeed li tivvjagga vettura paragunat mal-mod pjuttost "slow" tal-mixi ta' persuna, anke jekk din tkun qed titharrek."*

Il-Qorti ghaddiet biex tqis dawn il-prinċipji fid-dawl tal-fatti tal-kawża li għandha quddiemha llum. Sabiex jirnexxi fit-talbiet tiegħu, l-attur jeħtieġlu jipprova fuq bilanċ ta' probabbiltà li l-

konvenut tassew kien qiegħed isuq b'mod negliġenti, b'imperizja u b'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku u li huwa kien allura l-kawża prossima tal-inċident.

Fil-każ tal-lum jirriżulta li l-partijiet m'humiex jaqblu fil-verżjonijiet tagħhom dwar kif seħħ l-inċident in kwistjoni. Għaldaqstant, jeħtieġ illi l-Qorti tanalizza l-provi miġjuba abbażi ta' kriterji oġġettivi bħalma huma r-regolamenti tat-traffiku kif ukoll il-konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda sabiex tiddetermina l-kawża prossima li wasslet għall-inċident.

Din il-Qorti kellha l-opportunità li tisma x-xhieda tal-perit Richard Aquilina li kien maħtur mill-maġistrat inkwerenti sabiex jirrelata dwar l-inċident *de quo*. Il-perit ikkonferma li il-marki tad-demm, ħġieġ u ż-żarbun tal-attur instabu madwar 15-il metru 'l bogħod mill-*pelican lights*. Il-perit ippreżenta kopja tar-relazzjoni li kien ħejja għall-inkjesta maġisterjali. Mill-pjanta annessa mal-imsemmija relazzjoni, jidher ċar illi l-impatt seħħ diversi metri 'l bogħod mill-*pelican lights* u mhux kif qiegħed jgħid l-attur. Dan għaliex huwa magħruf illi f'inċident ta' din ix-xorta, il-post fejn seħħ l-impatt ġeneralment ikun il-post fejn jiġi misjub il-ħġieġ mal-art. Dan jikkonfermah ukoll is-Supretendent Stephen Gatt li xehed ukoll quddiem din il-Qorti. Fir-relazzjoni tal-perit Aquilina ma jissemmewx *brake marks*.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-affidavit ta' Joe Cassar, id-*driver* tal-attur li kien qiegħed jistennih fuq in-naħa tat-triq fejn seħħ l-inċident. Cassar jispjega li waqaf jistenna lill-attur fil-*bus shelter* li tinsab f'dik il-parti tat-triq, liema *bus shelter* skont il-pjanta magħmula mill-perit Aquilina tinsab diversi metri quddiem il-*pelican lights* in kwistjoni. Cassar jgħid illi huwa ma jafx minn fejn qasam l-attur għaliex ma raħx iżda jkompli billi jgħid li bejn il-vettura tiegħu u l-*pelican lights* kien hemm madwar 41 pied (circa 12.5 metri) jekk mhux aktar u li mad-daqqa l-attur spiċċa madwar 35 pied (circa 10.5 metri) quddiemu. Dan ix-xhud jikkonferma wkoll li ħoss tal-*brakes* ma semax.

Għaldaqstant, mill-provi prodotti, din il-Qorti hija sodisfatta li l-post fejn intlaqat l-attur kien ferm 'l bogħod mill-*pelican lights.*

Għalhekk il-Qorti ma tqisx verosimili li l-attur kien qiegħed jaqsam mill-*pelican lights; Anzi huwa* għażel li jinjora din il-*pedestrian crossing* minkejja li kienet tinsab f'distanza raġonevoli. Fil-każ tal-lum jirriżulta li l-attur għażel li jaqsam triq perikoluża minn post li m'huwiex maħsub għal hekk. Fil-fatt, proprju għaliex it-triq in kwistjoni hija perikoluża, għaliex tippermetti veloċità elevata li jagħmel it-traversar tagħha perikoluż għall-*pedestrians*, l-awtoritajiet ħadu ħsieb li jinstallaw diversi *pelican lights* sabiex il-*pedestrian* ikun jista' jimxi ftit u jaqsam mingħajr periklu. L-attur kien imissu qasam it-triq minn hemm u mhux minn fejn ittanta li jaqsam.

Il-Qorti, ghaddiet biex tqis is-sewqan tal-konvenut. Tibda billi tirrileva li l-konvenut kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu dwar kif seħħ l-inċident, u ċioè li kien l-attur illi wara li qasam minn quddiem il-vettura tiegħu, ħa pass lura b'mod illi laqtu bil-vettura. Din il-verżjoni hija l-istess bħalma kien ta lill-pulizija *a tempo vergine* ftit tal-ħin wara li seħħ l-inċident.

Minkejja li fil-fehma tal-Qorti m'huwiex verosimili li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċita ta' 20 mil fis-siegħa biss, lanqas ma jirriżulta li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva tenut kont tat-triq li kien qiegħed isuq fiha fejn ma kienx raġonevolment mistenni li se jsib lil xi ħadd jaqsam minn quddiemu meta kien hemm *pelican lights* ftit metri 'l bogħod.

Barra minn hekk, jirriżulta mill-provi prodotti li fil-post fejn seħħ l-inċident l-attur kellu viżwali twila lejn id-direzzjoni minn fejn kienet ġejja l-vettura misjuqa mill-konvenut u għalhekk anke li kieku l-konvenut kien qiegħed isuq b'ċertu veloċità, xi ħaġa li ma tirriżultax, kien mistenni li l-attur jarah.

Fil-fehma tal-Qorti, wisq probabbli li ġara f'dan il-każ huwa li kif l-attur qabeż il-*crash barrier* u qasam l-ewwel karreġġjata fid-direzzjoni tal-Belt, u ċioè minn quddiem il-vettura tal-konvenut, huwa nħasad, forsi għaliex sab li kienet ġejja vettura fil-karreġġjata l-oħra, u ħa pass lura sabiex jevita din il-vettura iżda minflok spiċċa ntlaqat mill-vettura tal-konvenut. Il-ħsara fil-vettura tal-konvenut u ċioè ħsara fil-parti tax-xellug ta' quddiem tagħha hija kompatibbli ma din id-dinamika.

Huwa vera li l-konvenut jgħid li lill-attur rah jaqsam minn quddiemu imbagħad jieħu pass lura, iżda dan ma jfissirx illi b'daqshekk għal dak li ġara jaħti l-konvenut. Mhux talli l-konvenut kien rinfaċċjat b' *pedestrian* li ma messux kien qiegħed jaqsam minn hemm, iżda aktar minn hekk, dan tal-aħħar ħasdu meta għamel manuvra li ċertament il-konvenut ma kienx qiegħed jistenna u ċioè ħa pass lura għal fuq il-vettura tiegħu. Huwa ċar li dan kien każ fejn bl-aġir tiegħu l-attur issorprenda lill-konvenut meta resaq lura minflok il-quddiem kif kien raġonevolment mistenni li se jagħmel sabiex ikompli jaqsam it-triq. Dan ifisser illi l-konvenut tqiegħed f'posizzjoni li lill-attur ma setax jevitah.

Il-manuvra li għamel l-attur poġġiet lill-konvenut f'posizzjoni li kien impossibli għalih sabiex jieħu azzjoni tempestiva evażiva. Bil-kondotta tiegħu l-attur ħoloq emerġenza subitaneja għall-konvenut, liema emerġenza kienet waħda imprevedibbli u inevitabbli għalih fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Dan għaliex sewwieq ma jippretendix illi persuna li jaqsam minn quddiemu sabiex jasal għan-naħa l-oħra tat-triq ser jieħu pass lura minflok' il quddiem.

Iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ iwasslu għall-konklużjoni li l-inċident *de quo* seħħ minħabba nuqqas ta' diligenza da parti tal-attur li ma ħax dawk il-miżuri sabiex jipproteġi lilu nnifsu mill-periklu li ħoloq huwa stess. L-attur kien mistenni li wkoll iżomm '*a proper lookout*' fit-triq traffikuża u perikoluża bħalma hi dik in kwistjoni, speċjalment meta għażel li jaqsam it-triq mingħajr ma jagħmel użu mill-*pelican lights*.

B'żieda ma dan kollu, il-Qorti, għalkemm żammet distinzjoni bejn il-livell ta' prova ta' natura kriminali u dawk ta' natura ċivili, ikkunsidrat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-proċeduri kriminali li ġew istitwiti mill-pulizija kontra l-konvenut riżultat tal-inċident *de quo*. Din il-Qorti taqbel perfettament mar-raġunament tal-Qorti tal-Maġistrati li sabet illi l-konvenut ma kienx ħati tal-akkużi miġjuba kontrih u dan wara li osservat:

> "*Illi l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-provi*

*cirkostanzjali kollha jikkoroboraw il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat dwar kif sehh l-incident. Il-post fejn instab il-hgieg miksur u fejn instab iz-zarbun tal-parti civili jindikaw li l-impatt bejn Zammit u l-vettura misjuqa mill-imputat sehh madwar 90 metru 'l boghod mit-traffic lights. Dan jindika li ma jistax ikun li Zammit kien qed jaqsam minn fuq il-pedestrian lights izda hija indikazzjoni cara li fil-fatt huwa kien qed jaqsam minn fejn hemm il-crash barrier f'nofs it-triq kif qed isostni l-imputat. Irid jigi rilevat li meta xehed quddiem il-Perit Richard Aquilina, Zammit qal li kien hemm id-driver qed jistennih bil-vann quddiem il-bus shelter li hemm man-naha tal-bahar. Jekk wiehed jezamina l-iskizz imhejji mill-Perit Richard Aquilina jara li l-bus shelter huwa aktar vicin fejn hemm it-tifrik milli huma l-pedestrian crossing. Il-hsara fil-vettura tal-imputat hija inoltre perfettament kompatibbli mal-verzjoni tal-fatti moghtija mill-istess imputat. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li ma kien hemm ebda nuqqas ta' tharis ta' regolamenti jew traskuragni da parti tieghu. Il-Qorti jidrilha wkoll li mill-provi rrizulta li l-incident de quo sehh unikament minhabba traskuragni da parti ta' Albert Zammit li ttenta jaqsam triq daqshekk traffikuza b'mod daqshekk inkonswet u cioe' billi jaqbez crash barrier f'nofs it-triq u jigri ghan-naha l-ohra u dan meta ftit metri 'l boghod kien hemm pedestrian crossing li huwa seta' juza minghajr ma jipperikola hajtu u minghajr ma johloq ostakolu ghat-traffiku li kien qed jipprocedi regolarment fit-triq. Il-Qorti tixtieq tirrileva li s-Supretendent Stephen Gatt li xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tal-21 ta' Mejju 2007 qal li meta kellem lil Zammit dan qallu li kien qed jaqsam minn hdejn it-traffic lights u meta huwa staqsih jekk kienx qabez il-hadid li hemm fis-central strip Zammit ghazel li ma jirrispondix. Il-Qorti tirrileva ulterjorment li l-fatt li ma nstabu ebda brake marks tal-vettura tal-imputat ikompli jikkonferma l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-istess imputat li Zammit waqa lura ghal fuq il-vettura tieghu.*

*Il-Qorti jidrilha li l-incident de quo sehh unikament tort tat-traskuragni tal-pedestrian u ma rriskontrat ebda nuqqas ta' tharis ta' regolamenti da parti tal-imputat u jidrilha li dan*

*tal-ahhar ma seta' jaghmel xejn sabiex jevita li jsehh l-incident."*

Għaldaqstant, din il-Qorti hija sodisfatta li ma kienx hemm xi element ta' negliġenza jew imprudenza fis-sewqan tal-konvenut u lanqas li huwa kkawża dan l-inċident minħabba nuqqas ta' osservazzjoni ta' regolamenti tat-traffiku. Ma kienx il-konvenut li naqas fl-obbligu tiegħu milli jobdi r-regolamenti tat-traffiku jew li jieħu '*reasonble care*' u jżomm '*a proper lookout*' fis-sewqan tiegħu iżda kien l-attur stess li kkawża l-inċident de quo bil-mod traskurat li għażel li jipprova jaqsam it-triq. Isegwi għalhekk illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG